**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SITT LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 34 – IT-TNEJN, 26 TA' MARZU 2012 FIS-5:45PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | David Dalli | Viċi Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud Bonnici | Kunsillier |
| | Marica Bayliss | Kunsillier |
| | Violet Bajada | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 33**

1.1 Kien hemm korrezzjoni waħda. F'5.4 għandha tidħol Triq is-Santwarju minflok Triq Bella Vista.

1.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Pagamenti Numru 60**

2.1 Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur David Dalli ssekonda. Kien hemm 7 favur u 2 astensjonijiet.

**3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Ġie ippreżentat il-*budget* għas-sena 2012. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġi approvat. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

3.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġi iffirmat il-kuntratt mat-TCTC għall-korsijiet tal-*ikids*. Is-Sinjura Rita Saliba ssekondat. L-ispiża ser tkun 1110 Ewro. Kien hemm qbil unanimu.

3.3 Saret diskussjoni rigward it-talba tas-Sur Sammy Borg, il-kuntrattur tal-ġbir ta‘ skart. Is-Sur Borg qed jitlob aktar ħlas minħabba l-ispejjeż addizzjonali li daħal fiha minħabba t-tneħħija tal-iskips. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li din it-talba ma tiġix milqugħha minħabba li t-tneħħija tal-iskips iffrankat lis-Sur Borg it-tbattil ta‘ dawn l-iskips kif ukoll it-tiswija jew it-tibdil tagħhom. Ġie iffrankat ukoll il-ħasil tagħhom. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm 5 favur (Etienne Bonello Du Puis, Marica Bayliss, David Dalli, Neville Mallia u Mikhail Micallef) u 4 astjenew (Rita Saliba, Joan Farrugia, Anthony Mifsud Bonnici u Violet Bajada).

3.4 Saret diskussjoni rigward it-talba tal-Għaqda Maltija tal-Ortikultura. Il-Kunsill ma aċċettax din it-talba.

3.5 Saret proposta mill-Artist James Micallef Grimaud biex jibdew isiru lezzjonijiet tal-arti simili bħal *mural* li saret fi Triq Bella Vista. Il-proposta hija li din l-arti ssir madwar il-latrina. L-ispiża għall-kunsill ser tkun ta‘ 1480 Ewro. Is-Sur Mikhail Micallef ippropona li tiġi aċċettata din il-proposta. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

3.6 Il-Kunsill ġie infurmat li MRRA ser jagħmel ix-xogħol tad-dawl ġewwa Misraħ il-Ward. Il-Kunsill għandu jixtri l-materjal. Dan il-materjal jikkonsisti primarjament minn arbli u globi ġodda. Kien hemm qbil unanimu.

3.7 Is-Sur Mikhail Micallef ippropona li jsiru ljieli letterarji. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis issekonda. Kien hemm qbil unanimu. Għandha ssir talba lill-Kappillan biex tintuża l-Kappella tal-Prepostu għal dawn l-iljieli.

3.8 Ġie deċiż li jsir *patching works* fi Triq il-Prepostu.

3.9 Il-Kunsill ġie infurmat li MRRA ser jipprovdi l-ħaddiema u l-Kunsill ser jipprovdi l-materjal biex isiru numru ta‘ bankini. Dawn jinkludu Triq iċ-Ċawl, Triq il-Qronfol, Triq Ta‘ Marmora, Triq San Frangisk, Triq in-Naxxar, Triq San Mikiel, Vjal in-Naspli, Triq Santa Margerita, Triq il-Kappella, Triq R Caruana Dingli u Triq il-Pellikan.

3.10 Is-Sur Mikhail Micallef ippropona li jsir servizz ta‘ *wi-fi* fi Pjazza Lewża, Misraħ Awrekarja, Ġnien Santa Margerita, Triq G M Camilleri, Triq Ta‘ Żwejt u Misraħ il-Ward. L-ispiża għal dawn ser tkun 100 Ewro kull wieħed għall-installazzjoni u 120 Ewro fis-sena. Qbil unanimu.

Is-Sur Etienne Bonello Du Puis skuża ruħu mil-laqgħa minhabba konflitt ta’ interess

3.11 Saret diskussjoni rigward Appell Nru 349/05 mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar. Id-deċiżjoni saret biex jingħata permess għal skola ġdida fi Triq il-Virdun. Ir-residenti infurmaw lill-kunsill li ser jappellaw għal din id-deċiżjoni fil-Qorti. Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li l-Kunsill iżomm l-istess pożizzjoni kontra dan it-twaqqif ta’ din l-iskola. Is-Sur Neville Mallia issekonda. Kien hemm 7 favur (Marica Bayliss, Neville Mallia, Mikhail Micallef, Rita Saliba, Anthony Mifsud Bonnici, Joan Farrugia, u Violet Bajada u 1 kontra (David Dalli)

Is-Sur Etienne Bonello Du Puis daħal għal-laqgħa.

## 4 SGLC/T/2/12

4.1 Ir-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni ġie diskuss fil-laqgħa ta‘ qabel. Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici ippropona li tiġi aċċettata l-offerta ta‘ Chris u Ronald Bezzina għar-raġuni li hija l-irħas offerta. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm 4 favur, 4 kontra u 1 astensjoni. Is-Sindku għamel il-*casting vote* u vvota kontra. Il-proposta m’għaddietx.

4.2 Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li tiġi aċċettata l-offerta tal-ELC minħabba li huma l-unika *tenderer* li huma ikkwalifikati bħala ġardinara. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis issekonda. Kien hemm 5 favur, 2 kontra u 2 astensjoni. Il-proposta għaddiet.

## 5 Affarjiet Oħra

5.1 Saret diskussjoni rigward it-talba tas-Sur Francis Grech biex jagħti bħala donazzjoni ta' statwa ta' San Ġwann Għammiedi biex din titqiegħed ġewwa post pubbliku f'San Ġwann. Kien hemm qbil fil-prinċipju imma għad irid jinstab post addattat.

Is-Sinjuri Joan Farrugia, Violet Bajada u Anthony Mifsud Bonnici skużaw ruħhom mill-laqgha (8.35pm).

5.2 Is-Sinjura Rita Saliba ipproponiet bozoz ġodda ġewwa Triq San Ġiljan, Triq il-Baltiku, Triq Emvin Cremona, Triq il-Lunzjata kantuniera ma' Triq il-Fuxa u Triq ir-Rand.

5.3 Is-Sur David Dalli ippropona li jekk il-Kunsill se jikri garaxx hemm wieħed b'kera ta' 1800 Ewro fis-sena ġewwa s-Swieqi. Dan ma ġiex aċċettat minħabba li huwa barra minn San Ġwann.

5.4 Is-Sur Neville Mallia fakkar lis-Sindku rigward it-*turf* artifiċjali għal *ground* ġewwa Ta' Żwejt.

5.5 Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li l-masġar il-gdid fi Triq Stefanotis jissemma għal Patri Leopoldo Tabone, li kien l-ewwel Kappillan ta' San Ġwann. Is-Sur Neville Mallia ssekonda. Kien hemm 5 favur u 1 astensjoni.

## 6 Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fid-8.45pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 16 ta' April 2012 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Etienne Bonello Du Puis** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |